MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 29/2008

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**C sive C E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fl-ewwel (1) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija tnejn u disghin (1992) fil-Parrocca ta’ Hal Qormi, u dana skond kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. A ;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifla li jisimha G, llum ghandha l-eta’ ta’ 14-il sena ;

3. Illi l-partijiet isseparaw de facto fi frar 1995 ;

4. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Henry Scriha tas-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000), kopja vera ta' liema kuntratt qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. B ;

5. Illi l-kontendenti kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn ;

6. Illi l-kontendenti kienu rrealizzaw mal-ewwel li ma kienux lesti li jghixu hajja mizzewwga ma' xulxin.

7. Illi ghalhekk il-kunsens taz-zewg partijiet jew minn minnhom fil-mument taz-zwieg kien vizzjat *inter alia* b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal-artikoli 19(1d) Kap. 255. tal-Ligijiet ta' Malta ;

8. Illi inoltre l-kunsens taz-zewg kontendenti jew min minnhom kien fil-mument taz-zwieg innifsu ivvizzjat *inter alia* ukoll stante li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana ai termini tal-artikoli 19(1f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;

9. Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ;

10. Illi l-konvenuta rabtet il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur ;

11. Illi ghalhekk iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992) huwa null u bla effett fil-ligi ;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-ewwel (1) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija tnejn u disghin (1992) huwa null u bla effett u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f’ dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li hija ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha tattribwixxi r-ragunijiet tan-nullita’ taz-zwieg unikament lill-attur ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-1 ta’ Mejju 1992 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak tal-konvenuta, fit-termini tal-paragrafu [g] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi n-nullita’ ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attur.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta’ Mejju 1992 meta allura l-attur kellu 21 sena u l-konvenuta kellha 26 sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sena u nofs. Wara xahar harget tqila u sussegwentement twieldet it-tifla tal-partijiet. Fis-sena 1994 il-partijiet

isseparaw de facto meta l-attur telaq mid-dar konjugali. Fis-16 ta’ Novembru 2000 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

*Verzjoni ta’ l-Attur*

Illi l-attur jispjega li, mill-bidu nett li hu beda johrog mal-konvenuta, dina kienet turi bic-car li hi kellha f’ mohha relazzjoni stabbli u serja li twassal ghaz-zwieg fi zmien qasir possibbli, u dana, stante li hi kienet hames snin akbar minnu, u riedet li jkollha t-tfal qabel ma taghlaq it-tletin sena. Sa hawnhekk, ghalkemm l-attur ma kienx mija fil-mija kuntent, huwa kien accetta li jidhol f’ relazzjoni stabbli mal-konvenuta, ghalkemm kien ghad kellu bejn 19 u 20 sena. Wara pressjoni kontinwa da parti tal-konvenuta, il-partijiet eventwalment izzewwgu fl-1 ta’ Mejju 1992, u, xahar wara, harget tqila kif xtaqet.

L-attur jillamenta mill-fatt li, hekk kif il-konvenuta harget tqila, l-attivita’ sesswali taghhom waqfet ghal kollox. Matul it-tqala, u sussegwentement minhabba l-punti, il-konvenuta ma rieditx taghmel la l-att taz-zwieg, u lanqas attivita’ sesswali ohra ; u sussegwentement kienet kompliet tirrifjuta l-avvanzi ta’ l-attur, allura zewgha, tant li dan jghid li kienu ghamlu sentejn shah minghajr attivita’ sesswali minhabba r-riluttanza da parti taghha. Dan kien fonti ta’ tilwim u argumenti kostanti matul il-konvivenza qasira taghhom.

Eventwalment, fis-sena 1994 u, minhabba f’ hekk, l-attur telaq mid-dar konjugali. Huwa jispjega li huwa bniedem li jahdem hafna, u xi granet fil-gimgha, minhabba x-xoghol part-time li kellu, kien jidhol fis-sieghat bikrin ta’ filghodu, u dan kien kostrett jghamlu anke minhabba li l-pozizzjoni finanzjarja tal-partijiet kienet batuta ; izda s-Sibtijiet u l-Hdud huwa kien ikun id-dar, u ghalhekk ma setghax kien hemm xkiel ghall-attivita’ sesswali. Ghalhekk huwa jghid li l-konvenuta kienet izzewwgitu biss biex ikollha tarbija minnu, u xejn aktar. Huwa telaq mid-dar konjugali ghax ma setghax jghix aktar f’ dik il-konvivenza priva mill-att taz-zwieg.

*Verzjoni Konvenuta*

Illi in sostanza l-konvenuta taqbel mal-fatti esposti mill-attur. Tghid li hi ghandha l-professjoni ta' ghalliema, u li meta zzewwget kienet ser taghlaq 27, u ghalhekk kienet "il-mutur" sabiex eventwalment il-partijiet kienu wasslu ghaz-zwieg. Tghid li l-attur kien telaq, wara konvivenza matrimonjali ta' tlett snin, ghax kien hassu ssikkat ; filwaqt li hi, minn naha taghha kienet tilmenta mill-fatt li kienet tghix qisha armla, ghax l-attur ftit li xejn kien ikun id-dar, bejn l-impiegi full-time u part-time li kellu, kif ukoll id-delizju tal-football. Ghalhekk ir-responsabbilita' tal-familja u tad-dar kienet waqghet kollha fuqha..

Il-konvenuta tammetti li, matul il-konvivenza matrimonjali, l-att taz-zwieg kien isir "rarament": fl-ewwel hdax-il xahar minhabba t-tqala u l-punti konsegwenza tal-hlas, ma kienx isir, u eventwalment ma kienx isir ghax hi tghid li kienet tkun ghajjiena, u li kellha l-facendi tad-dar x' tiehu hsieb. Hija tghid li l-attur ma kienx matur bizzejjed meta jzzewweg, u kien jaghti aktar mportanza lix-xoghol milli li jqatta' hin ma' martu. Minn naha l-ohra, pero' tammetti li ma setghux ma jahdumx hafna peress li kellhom il-loan xi jhallsu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza l-ezistenza tal-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] fuq citat, fil-konfront taz-zewg partijiet. Il-fatt li l-attur kien jaghti aktar importanza lix-xoghol u l-hrug ta' barra milli li jqatta' hin ma' martu bl-iskop li l-partijiet jintegraw fiz-zwieg, kemm fizikament kif ukoll emozzjonalment ; akkompanjat mill-fatt li l-konvenuta kienet taghti preferenza lix-xoghol taghha fid-dar milli li, anke akkost ta' sagrificju, taghmel l-att taz-zwieg ma' l-attur, allura zewgha, tant li f' konvivenza matrimonjali ta' circa sentejn, l-attivita' sesswali bejniethom kienet kwazi inezistenti – dawn il-fatti, u ohrajn konkomitanti, kienu ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jibnu bejniethom "a community of love and life" f' unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere <u>reciproku</u>.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Mejju 1992.

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------